SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IS-SITT KUNSILL

## LAQGĦA MSEJĦA B'URĠENZA

## LAQGĦA NUMRU 20-13

Illum Il-Ħamis, 7 ta' Novembru 2013

Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5.00pm.

## PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar u l-Kunsilliera: Joe Bonello, Caroline Galea u Victor Camilleri

## ASSENTI

Terrence Ellul, Viċi Sindku

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## AĠENDA

Is-Sindku talab li tiżdied item fuq l-Agenda, dwar *Live Streaming* tal-laqgħat tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal din il-proposta.

## 1. ĦATRA TA' AMBAXXATUR LOKALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Il-Kunsill iddiskuta nomina waħda li saret bil-koperazzjoni tal-Kappillan Father Malcolm Agius għal ħatra ta' Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ għal Lokalita' ta' Santa Luċija. Il-Kunsill unanimament approva n-nomina tas-Sinjorina Claire Mamo li kienet tissodisfa l-kriterji kollha għal din il-kariġa.

## 2. SERVIZZI SOĊJALI FIL-LOKALITA'

Il-Kunsill iddiskuta is-servizzi soċjali fil-lokalita' ta' Santa Luċija. Saret referenza għall-kwestjonarju li nbagħt mill-Ministeru Għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali f'dan ir-rigward. Is-Sindku rringrazzja lil Kunsilliera Caroline Galea li bagħtet il-*feedback* tagħha bil-miktub fir-rigward ta' dan il-kwestjonarju u qal li fil-punti li semmiet laqgħtet ħafna minn dak li kellu f'moħħu hu. Is-Sindku qal ukoll li l-Kappillan Father Malcolm Agius ukoll intalab jagħti l-*feedback* fuq din il-materja. Fil-kummenti tiegħu l-Kunsill identifika l-bżonnijiet soċjali fil-lokalita' fosthom il-bżonn ta' *Day Centre* u *Child Care Centre* mingħajr ħlas, installazzjoni ta' *lifts* fil-*blocks* tal-Gvern, għajnuna ta' *handyman* u ġardinar għal penzjonanti u għajnuna u sapport għat-tfal li ġejjin minn familji b'diffikultajiet. Bħala servizzi li jingħataw mill-Kunsill, saret referenza fost oħrajn għat-tilqim kontra l-Influenza u l-koperazzjoni bejn il-Kunsill u l-kappillan dwar it-tqassim ta' l-ikel tal-Unjoni Ewropea. Saret referenza wkoll għal bżonn ta' għaqda ta' nies voluntiera possibilment magħmula minn residenti rtirati, li forsi anki bil-kollaborazzjoni tal-Knisja jistgħu jkunu ta' għajnuna għal familji fil-bzonn.

## 3 LIVE STREAMING TAL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL

Is-Sindku qal li ġew analizzati, mill-aspett finanzjarju, l-kwotazzjonijiet li ntefgħu għas-sejħa bir-referenza SLLC Q(57-13-01) dwar *live streaming* tal-laqgħat tal-Kunsill. Huwa rrakomanda li jsir *short listing* u ssir laqgħa ma' l-orħos żewġ kuntratturi biex fil-laqgħa li jmiss il-Kunsill ikun jista' jieħu deċiżjoni. Is-Sindku fakkar li l-apparat msemmi fl-offerta tal-kuntrattur magħżul irid jiġi appruvat mid-Dipartiment għall-Gvern lokali qabel tinħareġ il-*Letter of Acceptance.*

## 4. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fis-6.00 p.m.

Il-Kunsill jerġa’ jiltaqa' nhar il-Ġimgħa, 29 ta’ Novembru 2013 fil-5.00 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum ..................,..... ta' ..................… 2013**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**